



Brussell, 19 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5375/21

STAT 8
FIN 40
INST 12

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14270/20
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Il-futur tal-aġenziji tal-UE - Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Jannar 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Futur tal-Aġenziji tal-UE - Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni", kif approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fil-15 ta' Jannar 2021.

Anness

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri “Il-futur tal-aġenziji tal-UE - Potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni”

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti") li jikkonstitwixxi l-ewwel valutazzjoni ġenerali tagħha tal-kondizzjonijiet implimentati mill-UE biex jiġi żgurat li l-aġenziji qed jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha, inkluż l-osservazzjonijiet, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha, u li huwa kontribut siewi għat-titjib tal-prestazzjoni tagħhom u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji;
2. JISSOTTOLINJA r-rilevanza sinifikanti tal-aġenziji tal-UE għall-kontribut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE u l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-gvernijiet nazzjonali billi jaġixxu bħala ċentri ta' għarfien espert tekniku u bbażat fuq l-evidenza kif ukoll in-networking;
3. JILQA' l-isforzi mwettqa mill-istituzzjonijiet tal-UE mill-2012 'l hawn fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Approċċ Komuni ffirmit mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament¹, biex jiġu żgurati kondizzjonijiet essenzjali għall-ġestjoni orjentata lejn il-prestazzjoni tagħhom u l-monitoraġġ minflok approċċ ibbażat fuq il-konformità;
4. JILQA' l-użu l-aktar effiċjenti tad-Dokumenti Uniċi ta' Programmazzjoni (SPDs) kif jinsabu fir-Regolament Finanzjarju Qafas² il-ġdid u l-linji gwida relatati tal-Kummissjoni (C (2020)2297)³, li mistennija jippermettu rieżami aktar bir-reqqa tal-ħtiġijiet li qed jevolvu anki fil-perspettiva tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021 - 2027;
5. JINNOTA l-isforzi kollha, inkluż l-istabbiliment tan-Network tal-Aġenziji tal-UE, biex jiġi mmassimizzati l-viżibbiltà u l-potenzjal ta' komunikazzjoni tal-aġenziji filwaqt li jtejbju l-iskambju ta' informazzjoni u gwida flimkien ma' għodod u parametri komuni għal valutazzjoni regolari aktar armonizzat;

¹ https://europa.eu/european-union/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_mt.pdf

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32019R0715>

³ <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/3/2020/EN/C-2020-2297-F1-EN-MAIN-PART-1.PDF>

6. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020 (Paragrafu 130) u r-rakkomandazzjoni tal-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar ir-riżorsi tal-aġenziji⁴; JILQA' d-dikjarazzjoni unilaterali tal-Kummissjoni⁵ fil-Fehim komuni maqbul għall-baġit tal-2021, li tirreferi għar-Rapport tal-Qorti; JIKKONDIVIDI l-interess tal-Kummissjoni fl-iżgurar li l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jwettqu l-mandat tagħhom, inkluż it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-governanza tagħhom, kif ukoll l-appoġġ għal ippjanar u rappurtar armonizzati; JESPRIMI R-RIEDA TIEGĦU li jimpenja ruħu b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni bil-ħsieb li jinbena segwitu kollaborattiv kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard mill-proċedura tal-baġit tal-2022;

7. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, intitolat "Implimentazzjoni tal-pakkett ta' riformi tal-persunal tal-2014 fil-Kummissjoni - Iffrankar sinifikanti, iżda mhux mingħajr konsegwenzi għall-persunal";⁶

8. JIKKUNSIDRA bħala essenzjali għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill li jiddiskutu kif tista' tinkiseb aderenza sħiħa mal-Approċċ Komuni tal-2012; JISSOTTOLINJA l-importanza li jattribwixxi għar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁷ u għal-Linji Gwida ta' Regolamentazzjoni Aħjar⁸;

9. JENFASIZZA n-neċessità li l-Istati Membri tal-UE jipprovdu lill-aġenziji tal-UE bi kwalunkwe appoġġ meħtieġ biex jissodisfaw il-mandat tagħhom;

⁴ ST 13795/2017

⁵ Dikjarazzjoni unilaterali mill-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar il-governanza tal-aġenziji deċentralizzati:

"Il-Kummissjoni għandha interess qawwi li tiżgura li l-aġenziji deċentralizzati tal-UE jwettqu l-mandat tagħhom, inkluż it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-governanza tagħhom, kif ukoll l-appoġġ għal ippjanar u rappurtar armonizzati mill-aġenziji deċentralizzati kollha. Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-Rapport Speċjali Nru 22/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u t-tweġibiet għalih, jistgħu jiffurmaw il-bażi għal segwitu kollaborattiv li ser jeħtieġ l-appoġġ tal-Kunsill u tal-Parlament."

⁶ ST 8635/20

⁷ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Numru 1296/2013, (UE) Numru 1301/2013, (UE) Numru 1303/2013, (UE) Numru 1304/2013, (UE) Numru 1309/2013, (UE) Numru 1316/2013, (UE) Numru 223/2014, (UE) Numru 283/2014, u d-Deċiżjoni Numru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Numru 966/2012, *ĠU L 193, 30.7.2018, Pagn 1–222*

⁸ https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

10. JINKORAĠĠIXXI LILL-PARTIJET KOLLHA biex jipproċedu bir-reqqa rigward kwalunkwe reviżjoni jew riformulazzjoni tal-bażi ġuridika tal-aġenziji tal-UE billi jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw valutazzjoni tal-impatt tajba tar-raġunament tagħhom, kemm ir-rilevanza kif ukoll il-koerenza tal-oġġettivi mistennija tagħhom kif ukoll tal-effetti previsti skont l-ippjanar strateġiku usa' tal-UE; biex iżommu attenzjoni partikolari fuq is-simplifikazzjoni tad-daqs tal-korpi maniġerjali tagħhom u jżidu l-effiċjenza tal-mudelli ta' governanza tagħhom; biex iżommu standards għoljin fir-rigward tal-kontabbiltà u l-obbligi ta' prestazzjoni tagħhom billi jirrispettaw in-normi xierqa kollha;

11. JENFASIZZA l-importanza ta' approċċ koerenti u konsistenti li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE involuti fir-rigward tal-istabbiliment u l-likwidazzjoni ta' aġenziji, b'mod partikolari permezz ta':

- a) valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jistabbilixxi aġenziji ġodda, filwaqt li titqies kwalunkwe opzjoni alternattiva, bħall-fużjonijiet, bidla fil-mandati, ħidma kollaborattiva, duplikazzjonijiet jew lakuni relatati mal-implimentazzjoni tal-politika; kwalunkwe riżerva espressa mill-Bord ta' Skrutinju Regolatorju qabel il-preżentazzjoni ta' proposta ġdida trid tkun indirizzata b'mod tajjeb u suffiċjenti mill-Kummissjoni; kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni trid tinkludi wkoll dikjarazzjoni finanzjarja kif tinsab fil-Kapitolu 7 (l-Artikoli 33-36) tar-Regolament 1046/2018 kif ukoll bħala klawżola ta' estinzjoni jew ta' reviżjoni;
- b) evalwazzjoni tal-aġenziji eżistenti, inkluż l-użu ta' kontrolli trasversali ta' prestazzjoni u/jew ta' idoneità biex jiġu valutati l-koerenza u r-rilevanza tal-attivitajiet tagħhom u l-eżiti ta' politika miksuba tagħhom u
- c) allinjament tal-aġenziji eżistenti, kemm jista' jkun possibbli, f'termini ta' strutturi ta' governanza, ippjanar, programmazzjoni u kontabbiltà;

Jenħtieġ li dawn ir-rekwiżiti jiġu stipulati fir-Regolamenti li jistabbilixxu l-aġenziji, jew ir-Regolamenti li jemendawhom jew li jirriformalawhom, u jsegwu l-mezzi kollha possibbli għall-konverġenza mingħajr ma jikkompromettu l-oġġettivi u l-kompiti partikolari ta' kull aġenzija speċifika;

12. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex tanalizza u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari, fir-rigward:

- a) tal-iżgurar li l-istabbiliment, il-funzjonament u l-likwidazzjoni possibbli tal-aġenziji jkunu flessibbli u diretti biex jiġi żgurat li l-aġenziji jissodisfaw il-mandat tagħhom u jwettqu l-kompiti tagħhom bil-għan li jimplimentaw il-politika tal-UE u jsaħħu l-kooperazzjoni fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jużaw is-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala possibbli kollha;
 - b) tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-linji gwida riveduti tal-Kummissjoni (C (2020)2297) dwar l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-aġenziji għal skrutinju estern mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u miċ-ċittadini tal-UE, u b'hekk tinbidel l-attenzjoni mir-rappurtar dwar l-eżitu u l-attivitajiet għall-kontributi reali tal-aġenziji lill-politika tal-UE;
 - c) tat-titjib tas-superviżjoni baġitarja tal-aġenziji, speċjalment bir-reviżjoni u l-allinjament f'waqthom tar-riżorsi mal-ħtiġijiet li qed jevolvu;
 - d) tal-assistenza u l-appoġġ għall-aġenziji tal-UE fis-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u l-kontribut għall-iskambju tal-aħjar prattiki għall-finijiet ta' reviżjoni tal-kontabbiltà u l-prestazzjoni;
 - e) tal-monitoraġġ kontinwu tal-governanza u l-qafas ta' implimentazzjoni tal-aġenziji tal-UE u l-adattament għalihom, fejn meħtieġ, bil-ħsieb tal-issodisfar sħiħ tal-oġġettivi tagħhom;
 - f) tal-promozzjoni tar-rwol tal-aġenziji tal-UE bħala ċentri ta' eċċellenza u networking fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE kif ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali aktar usa';
13. JISTIEDEN LILL-AĠENZIJI KOLLHA TAL-UE biex janalizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jisiltu l-konklużjonijiet tagħhom stess, b'mod partikolari, fir-rigward:
- a) tar-rilevanza tal-pjanijiet operazzjonali tagħhom bil-ħsieb tal-massimizzazzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-iżvilupp tas-sinerġiji fosthom, kull fejn possibbli, biex jiġu identifikati l-prattiki tajba dwar ir-reviżjoni tal-prestazzjoni u l-ekonomiji ta' skala għall-ippjanar u l-eżiti tagħhom, partikolarment f'oqsma ta' politika kondiviża;
 - b) tat-titjib ulterjuri tal-istrateġiji ta' komunikazzjoni tagħhom f'kooperazzjoni mill-qrib man-network tagħhom u l-uffiċċju ta' appoġġ tiegħu fi Brussell, u b'hekk titqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol u l-opportunitajiet tax-xogħol tagħhom fil-livelli kollha filwaqt li jinġiebu aktar qrib għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li tittieħed bħala eżempju l-pandemija;

- c) tal-bilanċ ġeografiku tal-persunal tagħhom bħala kwistjoni ta' prijorità, inkluż bħala parti mill-istrategġiji tar-Riżorsi Umani rispettivi tagħhom u
 - d) tal-modi kif jattiraw talent żagħżugħ;
14. JINKORAĠĠIXXI LILL-KUMMISSJONI U LILL-AĠENZJI TAL-UE LI JAĠIXXU FLIMKIEN biex:
- a) itejbu l-governanza, il-kontabbiltà u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni;
 - b) isaħħu r-rwol tal-aġenziji bħala ċentri ta' għarfien espert u networking;
 - c) jindirizzaw modi biex tittejjeb l-attrazzjoni tal-aġenziji bħala impjegaturi;
15. JISTIEDEN LILL-AWTORITÀ BAĠITARJA biex talloka b'mod flessibbli r-riżorsi baġitarji u umani skont ir-riżultati tar-reviżjoni tal-prestazzjoni tagħhom u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-UE sabiex jiġi żgurat tqabbil aħjar bejn il-ħtiġijiet reali u l-baġits allokat, filwaqt li jiġu rispettati l-limiti massimi tal-limitazzjonijiet baġitarji annwali u pluriennali;
16. JISTIEDEN LILL-QORTI biex:
- a) tinkludi Impriżi Konġunti fi kwalunkwe rapport li jmiss;
 - b) tindirizza l-kwistjoni ta' bilanċ ġeografiku tal-persunal fl-aġenziji tal-UE fi kwalunkwe rapport ta' segwitu;
 - c) tirrapporta fuq bażi regolari dwar il-konformità ġenerali mar-rakkomandazzjonijiet tagħha u tagħmel kwalunkwe osservazzjoni ulterjuri meqjusa meħtieġa.
-